2 ta' Ġunju 2009

Stqarrija għall-publikazzjoni immedjata

**Il-Gvern jerġa joħroġ għonqu għal kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin…**

L-uffiċċju tal-Prim Ministru u dak tal-Ministru Tonio Borg issa qegħdin iħallsu l-ispejjes kollha ta' vjaġġi u akkomodazzjoni sabiex iġibu Malta persuni barranin magħrufa kontra l-kaċċa u l-insib biex jixhdu kontra l-istess kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin.

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tirreferi għall-kawża li nstemgħet illum fil-Qorti Kriminali ta' pajjiżna dwar allegat ksur ta' liġi dwar il-kaċċa u l-insib.

F'dan l-istadju hekk delikat, meta s-suġġett tal-kaċċa u l-insib jidher li reġa ħa prominenza kbira lejlet l-elezzjoni għall-Membri Maltin fil-Parlament Ewropew, huwa ta' mistħija kif l-istess gvern Malti qiegħed iħallas l-ispejjes tal-barranin biex jiġu jixdhu kontra l-Maltin u l-Għawxin.

Dan l-aġir ma jirrifletti xejn tajjeb fuq il-Kandidati għall-Parlament Ewropew ta' l-istess gvern peress li filwaqt li l-Prim Ministru qiegħed jistqarr li hu qed joħroġ għonqu għall-kaċċaturi Maltin u Għawdxin fl-istess ħin qiegħed jaħdem flimkien mal-barrani kontrihom.

Lino Farrugia
Segretarju
FKNK